# Il-Familja ta' Mastru Anġ Gatt fiż-Żejtun

KAN. JOE **ABELA**

- *Għal aktar minn 100 sena l-antenati ta' Mastru Anġ bennejja gwappi*
- *Xogħlijiet important fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun*
- *L-aqwa opra ta' Mastru Anġ Gatt hi r-Rotunda tal-Mosta*
- *Rabta bejn il-Mosta u ż-Żejtun*



### NOTA PERSONALI

Meta kont għadni tifel, ħafna snin ilu, in-nanna tiegħi, Marija Abela, bħali miż-Żejtun, mhux l-ewwel darba li qaltli, "Joe, il-bennej tal-knisja tal-Mosta kien jiġi minna." S'intendi kont nieħu pjaċir b'li tgħidli iżda peress li kont għadni żgħir, żgur li dak iż-żmien ma kontx napprezza daqs illum dak li kienet tgħidli nannti. Nannti kienet twieldet fis-16 ta' Marzu, 1881, jiġifieri sitt snin biss wara l-mewt ta' Anġlu Gatt. Allura żgur dak li qalet lili kienet semgħetu mill-ġenituri tagħha u b'hekk ix-xiehda tagħha hi ta' min joqgħod fuqha. Meta kbirt mhux l-ewwel darba li żort ir-Rotunda tal-Mosta. Dejjem qabel ħriġt mill-knisja, ħarist fiss 'il fuq lejn il-koppla grandjuża, ukoll dejjem tajt ħarsa qasira u apprezzattiva lejn il-monument ta' Mastru Anġ Gatt viċin id-daħla prinċipali tal-knisja. Bir-riċerki tiegħi tgħallimt ħwejjeġ ġodda, l-iktar dwar il-familja u l-ħajja tiegħu fiż-Żejtun.

### L-ARBLU TAR-RAZZA TA' ANĠLU GATT

L-ewwel nett fittixt li nibni arblu tar-razza ta' Anġlu Gatt u mort lura minn tal-inqas mitt sena mit-twelid tiegħu. Anġlu twieled fiż-Żejtun nhar it-12 ta' Diċembru, 1796, iben Mario Gatt u Margarita, imwielda Srenzo. Hu ngħata l-ismijiet ta' Michaelangelus, Petrus u Damasus. Parrina kienet Catharina, mart Angelus Abela. Il-kunjom Abela lili mill-ewwel fakkarni f'dak li kienet tgħidli nannti fit-tfuliti!

Eżattament mitt sena qabel, fl-20 ta' Mejju, 1696, Pietru Gatt iżżewweġ fiż-Żejtun lil Lazzarina Farrugia. Minn dan Pietru Gatt, hu mnissel f'linja diretta Mastru Anġ Gatt, il-bennej tal-famuża Rotunda. Fil-25 ta' Novembru, 1692, l-Isqof Davide Cocco Palmieri kien qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun. Mela, Pietru Gatt, li kien iżżewweġ fil-knisja parrokkjali l-qadima, magħrufa bħala ta' San Girgor, ra tinbena mingħajr l-oratorju u n-navi, il-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Il-knisja parrokkjali damet tinbena aktar minn 30 sena, iżda fl-1708, kienet diġà' tintuża l-kursija tagħha bħala knisja. Żgur li Pietru Gatt kien jammira lill-ħaddiema fix-xogħol tagħhom ta' kostruzzjoni. Forsi ma kienx jammira biss, forsi kien ukoll imidd idejh! Fittixt li fittixt ismu fuq il-lista tal-ħaddiema, iżda s'issa ma rnexxilix insibu, għalkemm iltqajt mal-kunjom GAT diversi drabi. Fost dawk li ħadmu fil-bini tal-knisja sibt lil Giacomo, Antonino u Giuseppe kunjomhom Gat, bejn is-snin 1718 u 1722. Saħansittra wkoll irnexxili niddeċifra, minn kitba irqiqa ferm u kważi illeġibli, il-ħlas li kienu jirċievu kuljum kull wieħed, dak ta' 2 tari u 10 grani.

*Ikompli f'paġna 21*

*Minn paġna 19*

## IL-BUŻNANNU TIEGĦU, ANĠLU GATT BĦALU (1701 - 1785)

Fost ulied oħrajn, Pietru u martu Lazzarina kellhom tifel fis-17 t'Ottubru, 1701, li huma semmewh Anġlu. Parrinu fil-magħmudija ta' dat-tifel kien Lazzru Magro. Nosservaw kmieni l-isem Anġlu Gatt, għaliex dan kien destinat li jkun il-bużnannu paternali tal-bennej tar-Rotunda tal-Mosta. Tajjeb ukoll li nosservaw minn kmieni l-isem Lazzru fil-familja Gatt, għaliex ma ndumux ma nerġgħu niltaqgħu ma' dan l-isem li s-soltu mhux komuni. Iċ-ċkejken Anġlu trabba fi żmien meta kienu qed jinbnew il-kursija, il-kappelluni, il-kor u l-koppla tal-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun fuq pjanti tal-magħruf Lorenzo Gafa', l-arkitett ukoll tal-katidral tal-Imdina u numru ta' knejjes oħra Maltin. Iżda la l-oratorju tas-Santissmu Sagrament u lanqas in-navi tal-knisja taż-Żejtun ma kienu għadhom bdew jinbnew. Meta kellu 38 sena, Anġlu Gatt iżżewweġ lil Katarina Magro, bint Ġużeppi u Marija, nhar is-16 t'Awwissu, 1739. Huma kienu joqogħdu fil-parti taż-Żejtun imsejħa l-Gwiedi, fejn filfatt kienu joqogħdu l-aħjar familji tal-parroċċa f'dak iż-żmien. Hi l-parti taż-Żejtun li tiġi biswit il-knisja parrokkjali tal-lum. Fis-sena 1739, Francesco Zahra u Gann Nikol Buhagiar kienu qegħdin ipittru l-abside tal-kappellun tar-Rużarju u tal-Kurċifiss respittivament. Kien żmien ukoll meta l-fratellanza tas-Sagrament kienet popolari ħafna fost iż-Żwieten.

## BENNEJ TAL-ORATORJU TAS-SAGRAMENT

Ċerta Marija Bianco ħalliet fit-testment tagħha 125 skud lill-fratellanza biex jingħata bini għall-oratorju. Wara ftit taż-żmien, il-fratelli ddeċidew f' laqgħa ġenerali li dan l-oratorju jibda jinbena u kienu pronti waqfu arbural biex jiġbru aktar flus. Il-prokuratur kien Giacomo Bianco, ħu Marija, bennej gwapp li kien bena l-kappelluni tal-knisja u ħażżeż ukoll il-pjanta tal-oratorju ta' Bormla. L-ewwel ġebla tal-oratorju taż-Żejtun tqegħdet nhar l-4 ta' Ġunju, 1744. Iżda Giacomo Bianco, minkejja l-kapaċita tiegħu, ħalla l-bini tal-oratorju f' idejn Anġlu Gatt. Forsi dan għamlu għax kien kiber fl-eta', iżda żgur ukoll li kien konvint mill-ħila ta' Anġlu Gatt bħala bennej. Anġlu tana wieħed mill-isbaħ oratorji fil-gżejjer Maltin, mibni fuq stil Barokk. Flimkien ma' Anġlu kien hemm bennej ieħor, Alfonso Cachia, membru ta' familja oħra rinomata Żejtunija. Dan Cachia ħadem anqas minn Gatt għax isem Anġlu Gatt jidher kontinwament fir-reġistru tal-ħlas fl-arkivju tal-Fratellanza. L-importanza tiegħu tidher mhux biss għax hu kien jitħallas l-ewwel mill-ħaddiema, iżda wkoll, hu kellu l-ogħla paga, dik ta' 4 tari u 10 grani kuljum. L-aħħar jum li fih tħallas kien it-22 t'April 1747.

Wieħed minn ulied Anġlu Gatt u martu Katarina kien Lazzru, li twieled fil-25 ta' Settembru, 1743. Dan Lazzru kien destinat li jkun bennej ieħor kapaċi fil-familja Gatt! Anġlu Gatt miet fit-3 t'Awwissu, 1785, iżda martu Katarina kienet mietet ħafna qabel, eżattament fl-20 ta' Marzu, 1762, meta kellha biss 38 sena. Huma kienu baqgħu joqogħdu l-Gwiedi.

## LAZZRU GATT BENNEJ TAN-NAVI

Meta kiber, Lazzru Gatt iżżewweġ fiż-Żejtun lil Gratia Parnis, bint Mario u Maria, nhar id-29 ta' Mejju, 1764. Sadattant missieru kien lest mix-xogħol tal-bini tal-oratorju, iżda m'hemmx

*Ikompli f'paġna 23*

*Minn paġna 21*

dubju li fi tfulitu laħaq jara dan l-oratorju jiżżejjen b'opri artistiċi, bħal skultura u pittura. Żgur ukoll li missieru għallmu s-sengħa tal-bini. Il-knisja kienet għadha forma ta' salib jiġifieri mingħajr navi laterali bil-kappelli tagħhom u mingħajr iż-żewġ kampnari li naraw illum. Xejn ma kienet faċli biex jirnexxielhom jgħaqqdu l-faċċata tal-knisja b' tali mod li tidher li qisha nbniet fl-istess żmien. Ix-xogħol fil-bini tal-kampnari beda fl-1771 u baqa' sejjer bil-bini tan-navi b'kollox, għal madwar ħmistax -il sena. Fost il-prokuraturi nkarigati kien hemm Dun Tumas Manicaro, Dun Franġisk Caruana u Dun Tumas Baldacchino. Fost il-ħaddiema li jidhru kontinwament fir-reġistru tal-ħlasijiet insibu membri tal-familja Cachia; Annunziato Cachia, Gio Maria Cachia u Mikiel Cachia li 'l quddiem ser niltaqgħu miegħu b'rabta ma' Anġlu Gatt, il-bennej tar-Rotunda.

Ma' dawn il-benneja ta' sengħa kbira jidher ukoll l-isem ta' Lazzru Gatt, in-nannu ta' Anġlu. Ismu deher l-ewwel darba fit-23 ta' Settembru, 1775, meta kellu paga ta' 4 tari u 10 grani kuljum, paga mhux żgħira meta mqabbla mal-paga tal-ħaddiema lavranti. Tista' tgħid li dejjem kien jitħallas l-ewwel wieħed, sinjal tal-importanza tiegħu. Wara ftit il-paga żdieditlu għal 5 tari kuljum. Sas-sena 1779, kien għadu jitħallas bl-istess rata, iżda f'Mejju tal-1784, beda jirċievi paga ta' 6 tari u 5 grani kuljum.

## MASTRU MARIO GATT, MISSIER ANĠLU

Nhar l-20 ta' Ġunju, 1776, Lazzru u Gratia kellhom tifel li tawh l-ismijiet ta' Ġużeppi u Mario, iżda bdew isejħulu bl-isem ta' Mario. Dan kien destinat li meta jikber ikun missier Anġlu Gatt, il-bennej tar-Rotunda tal-Mosta. Sadattant il-familja ta' Lazzru kienu joqogħdu f'Bisqallin, il-parti taż-Żejtun illum magħrufa bħala r-Raħal t'Isfel. Gratia mietet fis-16 t'April, 1805, iżda żewġha Lazzru miet snin wara bejn is-snin 1819 u 1822.

Fid-dokumenti fl-arkivju parrokkjali taż-Żejtun, Mario Gatt hu deskritt bħala mgħallem (Mastru). M'hemmx dubju li dan Mario tgħallem is-sengħa tal-bini mingħand missieru Lazzru u b'hekk dis-sengħa baqgħet għaddejja mill-missier għall-iben fil-membri tal-familja Gatt, sa ma tat l-isbaħ frott tagħha fil-bini tar-Rotunda tal-Mosta.

Nhar il-5 ta' Mejju, 1795, Mario Gatt iżżewweġ fiż-Żejtun liż-Żejtunija Margarita Srenzo. Din Margarita kienet bint Andrea Srenzo, Karkariż li fl-4 ta' Frar, 1759, iżżewweġ fiż-Żejtun liż-Żejtunija Teresa Busuttil. Mario Gatt u martu Margarita kienu l-ġenituri ta' Mastru Anġ Gatt. Sadattant, iż-Żejtun kien għadda minn ħafna ġrajjiet important fl-istorja mqallba tiegħu. Fl-1797, il-Granmastru Ferdinando Hompesch kien għolla liż-Żejtun għal dinjità ta' Belt bit-titlu ta' Citta Bylandt. Inqas minn sena wara faqqgħet ir-rewwixta kontra t-truppi Franċiżi li kienu għadhom kif keċċew lill-Kavallieri ta' San Ġwann mill-gżejjer Maltin. It-tfajjel Anġlu Gatt tista' tgħid li ra dan kollu jiġri u żgur li bata bil-konsegwenzi koroh tal-gwerra. Mikiel Cachia (1760 - 1839), kien il-mexxej ewlieni taż-Żwieten fit-taqbid. Hu kien inġinier militari ta' kapaċità kbira, li irnexxielu wkoll iġib minn Sqallija l-qamħ biex jitma' lill-Maltin. Fortunatament għall-Mosta u ż-Żejtun, Mikiel Cachia kien ħabib tal-familja Gatt.

*Ikompli f paġna 25*

*Minn paġna 23*

## MASTRU ANĠ JITRABBA FIŻ-ŻEJTUN

Fl-arkivju taż-Żejtun jeżisti reġistru voliminuż li jinkludi l-listi taż-Żwieten bejn is-snin 1803 u 1822. Dawn bil-Latin jissejħu *Status Animarum* - listi tal-parruċċani li l-kappillan kien jagħti lill-Isqof biex jurih min kien qed josserva l-liġi tal-knisja dwar il-qrar u t-tqarbin annwali. Permezz ta' dawn il-listi nistgħu nsegwu t-trobbija ta' Anġlu Gatt fost il-membri tal-familja tiegħu, flimkien mal-etajiet u l-indirizz ta' djarhom. Anġlu ma kienx l-uniku wild tal-familja Gatt. Fl-1801, twieled Franciscus; fl-1802, twieled Michael; fl-1805, Gratius; fl-1810, Maria Theresia u fl-1815, twieldet Marianna.

Fil-lista tal-1803, insibu lil Lazzru Gatt u lil martu Gratia, it-tnejn ta' 62 sena kienu jgħixu ma' binhom Ġiuseppe ta' 25 sena. Bieb ma' bieb kienet toqgħod il-familja Srenzo. Fl-istess sena, Mario Gatt, iben Lazzru u missier Anġlu, kien joqgħod f'Bisqallin, *Via l-ahgiar.* Mario kellu 30 sena, l-istess eta' ta' martu Margarita. Magħhom huma mniżżlin uliedhom ħajjin: **Angelus** (8 snin) u Francescus (sentejn). Fl-istess dar kienu joqogħdu l-familja Srenzo: Andreas (70 sena), martu Teresia (60 sena) u Mario, ħu Margarita (35 sena). Allura, Margarita Srenzo, meta żżewġet lil Mario Gatt, baqgħet toqgħod fid-dar tal-ġenituri tagħha.

B'hekk sas-sena 1822, nistgħu nibqgħu nsegwu lil Mario Gatt, b'martu u uliedu, sena wara sena bl-etajiet tagħhom u l-indirizz tad-dar. Wara dil-lista tal-1822, l-ewwel lista li nsibu hija dik tal-1833, li fiha hemm li l-familja ta' Mario Gatt kienet toqgħod fi *Strada ta' Tas, casa numero 23, Pasqualino* (Bisqallin). Il-kbir fost l-ulied hu Angelus ta' 36 sena. Dan juri fiċ-ċert li sas-sena 1833, il-famuż bennej tar-Rotunda kien għadu ġuvni jgħix mal-ġenituri tiegħu fiż-Żejtun. Mastru Mario Gatt miet fit-18 t'April, 1844, filwaqt li Margarita mietet fit-22 ta' Jannar, 1848, jiġifieri meta binha Anġlu kien diġa' żżewweġ lil Maria Sant fil-Mosta.

## PRIM BENNEJ TAR-ROTUNDA

Sas-sena 1833, Dun Feliċ Calleja, il-kappillan Żurrieqi tal-Mosta, kien diġa' ġabar aktar minn 8,400 skud biex jibda l-bini tar-Rotunda fuq pjanta tal-arkitett George Grognet de Vasse' (1774 - 1862). Għall-ewwel, inkarigat mill-bini kien il-Kalkariż Ġużeppi Mangion. L-ewwel ġebla tqegħdet fit-30 ta' Mejju, 1833, meta l-kappillan tal-Mosta kien il-Mosti Dun Ġanmari Schembri. Mangion ma damx aktar minn erba' snin inkarigat mill-bini għax fi Frar tas-sena 1837, Mastru Anġ Gatt kien diġa' laħaq prim bennej tar-Rotunda. Wisq probabbli li Anġlu Gatt kien ġie mressaq quddiem id-deputati responsabbli mill-bini tal-knisja u quddiem l-arkitett Grognet mill-kapumastru Żejtuni Mikiel Cachia. Grognet u Cachia kienu ilhom jafu lil xulxin. Dan nafuh mill-fatt li meta Cachia inħatar f' ċerti entitajiet tal-gvern, Grognet kien wieħed mill-firmatari tan-nomina tiegħu.

## ULIED MASTRU ANĠLU GATT FIL-MOSTA

Fl-eta' ta' 40 sena, Anġlu Gatt iżżewweġ lix-xebba Mostija Maria Sant, nhar it-2 t'Ottubru, 1845. B'hekk hu mmortalizza isimha għal dejjem fl-istorja sabiħa tal-Mosta! S'intendi baqgħu jgħixu fil-Mosta, fejn Anġlu kien għaddej bil-bini tar-Rotunda. Kellhom mhux

*Ikompli f'paġna 27*

*Minn paġna 25*

anqas minn tmint itfal. Mill-ismijiet nifhmu kif Anġlu għaqqad il-familja tiegħu fil-Mosta mal-antenati tiegħu fiż-Żejtun. Fl-1846, Anġlu u Marija kellhom l-ewwel wild, tifel li semmewh Mario (isem missier Anġlu); it-tieni tarbija, fl-1847, semmewha Margarita (omm Anġlu); it-tielet wild fl-1848, Maria Theresia (oħt Anġlu); ir-raba' fl-1853, twieled Francescus (ħu Anġlu); il-ħames tarbija twieldet mejta mat-twelid fl-1854; is-sitt wild fl-1855, Gio Maria; is-seba', fl-1858, Lazzru (in-nannu ta' Mario); u t-tmin wild fl-1863, Carmelo. L-ismijiet Ġużeppi (ziju ta' Anġlu), Grazia (nanntu), u Marianna (oħtu), jidhru spiss bħala t-tieni jew it-tielet isem tat-trabi. Kurżita hi li l-isem ta' Katarina (zija ta' Anġlu kif ukoll isem il-patruna taż-Żejtun) ma jidher imkien. Il-parrini ta' Maria Theresia kienu t-tnejn miż-Żejtun; Franciscus u Maria Theresia Gatt, ħut Anġlu. Interessanti li meta Dun Ganmari Schembri rreġistra l-ewwel wild ta' Anġlu niżżel lill-missier bħala *Angelus Gatt della Veneranda fabrica* (l-imgħallem inkarigat mill-bini tal-knisja). Anġlu miet fil-Mosta fl-1875, erba' snin wara l-konsagrazzjoni tar-Rotunda.

Mastru Anġlu Gatt, li ismu jagħmel unur lill-Mosta li laqgħetu fi ħdanha u fejn ħalla l-aqwa opra tiegħu, kif ukoll liż-Żejtun, raħal twelidu, jixraqlu li jibqa' mfakkar bħala eżempju mill-isbaħ tal-bżulija u l-kapaċità tan-nies tas-snajja Maltin. Il-fdalijiet mortali tiegħu qed jistrieħu fil-kappella ta' San Bastjan ġewwa r-Rotunda, iżda t-tifkira tiegħu żgur li qed timla, b'għożża kbira, il-qlub tal-Mostin u taż-Żwieten u ta' kull Malti li għandu għal qalbu l-arti u l-istorja tal-knejjes parrokkjali tagħna.

**Dun Joe Abela**
*Kanonku*

